L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| DATA: | 26 ta' Mejju 2018 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb Taqsima A u **TLIET** mistoqsijiet oħra li trid minn Taqsima B.
Taqsima A għandha 40% tal-marka totali u Taqsima B għandha 60%.

**TAQSIMA A**
**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA. Kull mistoqsija għandha 4 marki.**

1. X'rabta hemm bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid?
2. Marija kellha sehem fil-pjan ta' Alla biex isalvana. X'kien dan is-sehem?
3. Xi jfisser li temmen f'Alla?
4. X'post għandha l-Liġi l-Qadima fil-pjan tas-salvazzjoni?
5. Semmi l-virtujiet teologali. Spjega l-ikbar waħda minnhom.
6. X'inhu d-dnub?
7. Xi tfisser 'transustanzjazzjoni'?
8. Għaliex iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija hi l-ogħla espressjoni ta' talb?
9. Liema huma s-sagramenti? Kif jinqasmu?
10. Kif hu preżenti Ġesù fis-Sagrament tal-Ewkaristija?

**(Total: 40 marka)**

**TAQSIMA B**
**Agħżel TLIET mistoqsijiet u weġibhom fid-dettall. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

1. Ir-ruħ "ma tintemmx meta tinfired mill-ġisem mal-mewt, u għad tingħaqad mill-ġdid mal-ġisem fil-Qawmien mill-imwiet fl-aħħar taż-żmien" (KKK 366).

a. Spjega t-twemmin Nisrani fil-'qawmien tal-ġisem'. (5)
b. X'inhi l-bażi ta' dan it-twemmin? (5)
c. X'rabta hemm bejn dan it-twemmin u d-domma tal-Assunzjoni? (5)
d. Għala dan it-twemmin hu fundamentali għan-Nisrani? (5)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb wara.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

2.a. Min hu l-Ispirtu s-Santu li wriena Ġesù? (8)
b. X'inhi l-missjoni tal-Ispirtu s-Santu fil-Knisja? Spjega. (12)

**(Total: 20 marka)**

3. Il-ħames kmandament jobbligana mhux biss li nirrispettaw il-ħajja tal-oħrajn, imma wkoll li nirrispettaw il-ħajja tagħna stess. Spjega dan b'rabta:
a. mas-suwiċidju; (5)
b. mal-ewtanasja; (5)
c. mal-kura tas-saħħa tal-persuna nnifisha; (5)
d. mad-difiża leġittima. (5)

**(Total: 20 marka)**

4.a. Fil-qosor, spjega l-istorja tas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. (4)
b. Liema huma l-partijiet ewlenin tar-rit tal-Griżma tal-Isqof? (4)
c. Semmi ż-**ŻEWĠ** simboli sagramentali fil-Griżma tal-Isqof. Spjega t-tifsira tagħhom. (6)
d. Spjega kif min jirċievi l-Griżma tal-Isqof jissaħħaħ fl-għaqda ma' Kristu u fid-doni tal-Ispirtu s-Santu. (6)

**(Total: 20 marka)**

5.a. It-talba tal-Missierna hi importanti fil-ħajja tat-talb tal-Insara. Għaliex? (4)
b. Spjega l-petizzjoni "ħobżna ta' kuljum agħtina llum". (16)

**(Total: 20 marka)**

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**INTERMEDIATE MATRICULATION LEVEL**
**2018 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| DATE: | 26th May 2018 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

Answer Section A and **ANY THREE** questions from Section B
Section A carries 40% of the total mark while Section B carries 60%.

**SECTION A**
**Answer ALL questions. Each question carries 4 marks.**

1. What is the unity that exists between the Old Testament and the New Testament?
2. Mary cooperated in God's plan of salvation. What part did she play?
3. What does believing in God mean?
4. What place does the Old Law have in the plan of salvation?
5. Name the theological virtues. Explain the greatest of them all.
6. What is sin?
7. What is the meaning of 'transubstantiation'?
8. Why is the celebration of the Eucharist the highest expression of praying?
9. Name the sacraments. How are they divided?
10. How is Jesus present in the Sacrament of the Eucharist?

**(Total: 40 marks)**

**SECTION B**
**Answer THREE questions in detail. Each question carries 20 marks.**

1. The soul "does not perish when it separates from the body at death, and it will be reunited with the body at the final Resurrection" (CCC 366).

a. Explain the Christian belief in the 'resurrection of the body'. (5)
b. What is the basis for this belief? (5)
c. What is the relation between this belief and the dogma of the Assumption? (5)
d. Why is this belief fundamental to the Christian? (5)

**(Total: 20 marks)**

***Please turn the page.***

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

2.a. Who is the Holy Spirit revealed to us by Jesus? (8)
b. What is the mission of the Holy Spirit in the Church? Explain. (12)

**(Total: 20 marks)**

3. The fifth commandment requires us not only to respect other people's lives, but also to respect our own lives. Explain this in connection with:
a. suicide; (5)
b. euthanasia; (5)
c. the health care of the person himself/herself; (5)
d. legitimate defence. (5)

**(Total: 20 marks)**

4.a. Explain briefly the story of the Sacrament of Confirmation. (4)
b. Which are the main parts of the rite of the Sacrament of Confirmation? (4)
c. Name **TWO** sacramental symbols of Confirmation. Explain their meaning. (6)
d. Explain how those who receive Confirmation are strengthened in their union with Christ and in the gifts of the Holy Spirit. (6)

**(Total: 20 marks)**

5.a. The Our Father is an important prayer in the life of the Christian. Why? (4)
b. Explain the petition "give us this day our daily bread". (16)

**(Total: 20 marks)**